MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)
## ONOR. IMHALLEF
## ROBERT G MANGION

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2014

Citazzjoni Numru. 84/2010

Kawza fil-lista: 17

**AB**

**vs**

**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur li jaqra hekk:

"Illi l-kontendenti zzewgu fit-tlieta (3) ta' April tas-sena elf, disa' mija, sitta u sebghin (1976) fil-Bazilika ta' Maria Bambina, l-Isla.

Illi miz-zwieg taghhom twieldu zewg ulied illum it-tnejn maggorenni.

Illi l-hajja konjugali tal-kontendenti saret impossibbli minhabba adulterju, u ingurji gravi kommessi mill-konvenuta kontra zewgha l-attur, u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment kif sejjer jirrizulta fil-kors tal-kawza.

Illi in oltre, il-hajja konjugali bejn il-partijiet saret impossibbli minhabba inkompatibilita' ta' karattru.

Illi prezentement l-attur jivversa lil martu manteniment fis-somma ta' mija u tlieta u sitt euro u sitt centezmi (163.06 Euro) fix-xahar u dan in forza ta' sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili tat-2 ta' Mejju 2000.

Illi l-konvenuta ghandha l-hila li tahdem f'impjieg produttiv.

Illi l-medjazzjoni bejn il-partijiet ma sehhitx.

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, ghalfejn m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi B minhabba adulterju u ingurji gravi kommessi mill-konvenuta kontra zewgha l-attur, u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, oltre dan, minhabba illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet saret impossibbli minhabba inkompatibilita' ta' karattru, u tawtorizza lill-attur ighix separatament mill-konvenuta.

2. Tapplika kontra l-konvenuta l-effetti tad-dispozizzjonijiet ta' l-artikoli 48, 50, u 51 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta fis-shih jew parzjalment b'dan illi jekk ikun il-kaz, il-konvenuta titlef kull jedd li ghandha ghan-nofs l-akkwisti illi waqt iz-zwieg ikunu saru l-aktar bil-hila ta' l-attur u dan minn data illi tigi stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-konvenuta tkun tat lok illi ssir din is-separazzjoni.

3. Tiddikjara illi l-konvenuta ddekadiet mid-dritt taghha illi titlob manteniment minghand zewgha.

4. Tordna lill-konvenuta tirrifondi lill-attur kull hlas ta' manteniment li sar lilha minnu qabel illum u dan minn data li tigi stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-konvenuta tkun tat lok ghall-adulterju u ingurji gravi.

5. Tawtorizza lill-attur illi jirregistra fir-Registru Pubbliku ta' Malta s-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ingunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li permezz taghha eccepiet:

1. Illi s-separazzjoni personali bejn il-partijiet hija gja ppronunzjata u ghalhekk l-ewwel talba hija insostenibbli.

2. Illi ghar-rigward t-tieni, t-tielet, r-raba, l-hames u s-sitt talba dawn huma infondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt u dan kif ser jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Mejju 2000 fl-ismijiet: "C mart AB f'isimha proprju u f'isem uliedha minuri Francois u Kirsten B, awtorizzata tistiwixxi din il-kawza a tenur tad-digriet numru 597/94 moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili fl-1 ta' Lulju, 1994 vs AB".

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

**Azzjoni**.

Permezz tal-kawza odjerna l-attur qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li l-attur m'ghandux ikompli jhallas lill-konvenuta l-manteniment ordnat bil-precitata sentenza ghaliex jallega li l-konvenuta ikkommettiet adulterju; ikkommettiet ingurji gravi fil-konfront tieghu; minhabba li l-hajja konjugali bejn il-partijiet saret impossibbli minhabba inkompatibilita' ta' karattruu; u minhabba li l-konvenuta ghandha l-hila tahdeb f'impieg produttiv.

Ghalhekk l-attur qed jitlob li l-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet; tapplika kontra l-konvenuta l-artikoli 48, 50 u 51 tal-Kodici Civili; tiddikjara li l-konvenuta tilfet kull jedd li ghandha ghal nofs l-akkwisti li saru waqt iz-zwieg bil-hila tal-attur minn data li tigi stabbilita mill-Qorti; tiddikjara li l-konvenuta ddekadiet mid-dritt taghha li titlob manteniment minghand zewgha; tordna lill-konvenuta tirrifondi lill-attur kull hlas ta' manteniment li sar lilha minnu qabel illum u dan minn data li tigi stabbilita bhala d-data meta l-konvenuta tat lok ghall-adulterju u ingurji gravi.

Dawn it-talbiet huma kontestati mill-konvenuta. Fl-ewwel eccezzjoni taghha l-konvenuta teccepixxi illi gialarba s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet hija pronunzjata, allura l-ewwel talba attrici hija insostenibbli. Fit-tieni eccezzjoni l-konvenuta teccepixxi illi t-talbiet attrici l-ohra huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt.

**Il-Kawza tas-Separazzjoni deciza fit-2 ta' Mejju 2000.**

Permezz tas-sentenza precitata l-attur odjern, konvenut f'dik il-kawza, kien gie misjub unikament hati ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejn il-partijiet. Il-parti dizpozitiva tas-sentenza de quo taqra hekk:-

"Mill-kumpless tal-provi jirrisulta li l-partijiet izzewgu fit-3 ta' April, 1976. Minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt itfal, subien: Francois, li llum hu maggorenni, u Kirsten li twieled fit-28 ta' Dicembru, 1983 u li ghalhekk illum ghandu sittax-il sena. Il-hajja mizzewga ghall-bidu kienet wahda tista' tghidilha normali, bid-diffikultajiet taghha mhux insormontabbli, bhal meta l-konvenut kien bla xoghol ghal numru ta' snin u ghalhekk l-attrici spiccat 13 kellha torhog tahdem taghmel il-facendi ghand in-nies minkejja li t-tfal kienu ghadhom pjuttost zghar u kien ikun aktar indikat li tibqa' d-dar biex tiehu hsiebhom.

Li llum iz-zwieg tkisser ma hemmx dubbju. L-attrici taghti t-tort lil zewgha l-konvenut, filwaqt li dan, permezz tal-kontro-talba (jew ahjar kontro-talbiet) tieghu jallega li kienet martu li tat lok ghas-separazzjoni. Din il-Qorti, bhallperit legali, ezaminat bir-reqqa l-provi kollha migjuba u tikkondividi pjenament il-konkluzzjonijiet milhuqa mill-istess perit legali – fl-ewwel relazzjoni tieghu, fol. 266 sa 293) – u cioe` li filwaqt li l-attrici irnexxilha tipprova kemm l-adulterju ta' zewgha kif ukoll imgieba tieghu li tammonta ghal eccessi, theddid u

offizi gravi kontra taghha u kontra t-tifel il-kbir, ilkonvenut ma irnexxilu jipprova ebda htija fil-konfront ta’ l-attrici. Din il-Qorti ser tirriproduci siltiet mill-imsemmija relazzjoni, li qieghda taghmel taghha:

“Illi kwantu ghar-raguni ta’ l-adulterju jidher mill-provi li l-attrici qed tibbaza t-talba taghha fuq diversi incidenti u b’mod specjali fuq dak li tghid ixxhud Marisa Zarb. Dina fl-affidavit taghha tas-7 ta’ April, 1994 (Dok. MZ1) qalet li fis-17 ta’ Novembru, 1993 Mary Rose McKay talbitha twassalha San Gwann fejn kellha tiltaqa’ mal-konvenut fi flat. Kif waslitha f’xi d-disgha ta’ filghodu rat lill-konvenut qieghed jistenniha u rathom it-tnejn dehlin fi flat. Hija regghet ghaddiet ghaliha f’xi siegha nieqes kwart ta’ wara nofs in-nhar. Dak il-hin hareg il-konvenut ukoll mill-flat u talab lil Rose McKay biex terga taghtih ic-cavetta tal-flat biex jara kienx nesa xi haga fil-flat. Dan l-affidavit ta’ Marisa Zarb gie segwit minn affidavit iehor tat-28 ta’ April, 1995 (Dok. MZ2) fejn wara li kkonfermat li McKay kienet harget ic-cwievet tal-flat u talbitha taghtihom lill-konvenut li kien qieghed jistenniha ghaliex qaltilha li kienet qed thossha sturduta. McKay kienet qaltilha li kienet xorbot biex ma tisthix mill-konvenut. Ix-xhud kompliet tghid li rat lill-konvenut johrog il-cover tal-karozza tieghu u rathom dehlin fil-flat il-konvenut wara McKay bil-cover tal-karozza f’idejh.”

Din ix-xhud Marisa Zarb, issa Marisa Henwood, regghet xehdet fil-Qorti, prodotta mill-konvenut, fl-udjenza tad-9 ta’ Novembru, 1998 (fol. 357), fejn ikkonfermat mhux biss l-incident ta’ San Gwann, li fil-fehma tal-Qorti hu prova elokwenti ta’ l-adulterju tal-konvenut, izda semmiet ukoll diversi incidenti u cirkostanzi ohra li jkomplu jindikaw ir-relazzjoni ta’ hbiberija intima li l-konvenut kellu ma’ l-imsemmija McKay, intimita` li fiha nnifisha hi ga offiza gravi versu martu.

Dwar ragunijiet ohra migjuba mill-attrici bhala kawza tas-separazzjoni, il-perit legali jghid u jikkonkludi hekk:

“Illi l-esponent, wara li ezamina bir-reqqa l-provi gie ghall-konkluzzjoni li din ir-raguni ghas-separazzjoni giet ampjament gustifikata. Mill-affidavit ta’ l-istess attrici tat-28 ta’ Frar, 1995 jirrisulta li f’Dicembru 1990 meta l-attrici rritornat id-dar wara li kienet harget mal-kugina taghha li kienet tghix is-Sud Afrika u ma’ hbieb ohra, il-konvenut beda jghajjat kemm jiflah u beda jaghtiha bl-ghadam subghajh f’wiccha. Dak inhar il-konvenut qasmilha xofftejha. Irrisulta wkoll minn dan l-affidavit illi meta fl-1994 hija bdiet il-proceduri legali ghas-separazzjoni kontra zewgha, il-konvenut kien jigi d-dar irrabjat hafna, jghid li ser jahraq id-dar (din kienet ta’ ommha) u ikisser kollox u jaghti bil-ponn fuq l-ghamara. Kien jghid li ser iniffidha bis-sikkina. Fit-2 ta’ Marzu, 1994 il-konvenut ghamlilha xenati bil-lejl u qallha li hu kien ahdar hafna u li kien ser juriha kemm kien ahdar. Il-konvenut kien qalilha wkoll li kien ser ihott id-dar gebla gebla u jaghmel kullimkien irmied. Fis-17 ta’ Marzu, 1994 (xi erba’ xhur qabel il-presentata ta’ din il-kawza li sehhet fit-22 ta’ Lulju, 1994) il-konvenut tefaghha fuq is-sodda, zammilha idejha t-tnejn u qallha “jekk taqbad twerzaq nifgaghlek”. Fit-2 ta’ April, 1994 il-konvenut garalha t-tazza tat-te, tela’ warajha fil-kamra tas-sodda tat-tifel, hezzizha mal-hajt u qallha: “Nahlef fuq il-Madonna li noqtlok”, tefaghha fuq is-sodda u beda jaghfsilha ghonqa billi qabdilha l-pavri tal-housecoat. Fil-frattemp dahal it-tifel il-kbir

Francois u skond l-affidavit ta’ l-attrici anke dan beda jigi msawwat. In segwitu gew il-pulizija li arrestaw lill-konvenut. Dawn l-incidenti regghu gew konfermati mill-attrici fid-deposizzjoni taghha fis-seduta tal-11 ta’ April, 1995….It-tifel Francois (illum maggorenni) isemmi dan l-incident fl-affidavit tieghu tas-27 ta’ April, 19952. In fatti kkonferma bil-gurament li missieru kien jigi rrabjat hafna [minn] fuq ix-xoghol u gholla l-platt [ta’ l-ikel] mas-saqaf u qam bis-siggu f’idejh, kissru u kien ser jaqbad isawwat l-attrici izda huwa waqqfu. Darb’ohra sema lil missieru jghid lil huh iz-zghir li kien ser jahraq id-dar, ihottha gebla gebla u ixoqq l-attrici bis-sikkina. Dik il-habta l-attrici kienet titolbu [lil Francois] biex joqghod maghha meta kien gej il-konvenut id-dar ghax kienet tibza’ minnu, u dik il-habta wkoll ommu, hu u huh kienu jorqdu bil-hwejjeg fuqhom biex jekk il-konvenut jigi ghalihom bil-lejl jitilqu l-barra. Dan ix-xhud izid jghid ukoll li l-konvenut missieru kien jixrob il-whisky d-dar, gieli wkoll kisser xi ghamara u qsari id-dar wara li jkun xorob. Dan ix-xhud semma wkoll l-incident tat-2 ta’ April, 1994. Huwa kien barra ftit l-boghod mid-dar, in-nannu qallu li l-genituri kienu qed jiggieldu. Huwa mar jigri d-dar u meta tela’ fuq sab lil ommu l-attrici fuq issodda u l-konvenut missieru kien fuqha b’idejh ma’ ghonqa. Meta missieru rah, kellmu hazin, qabdu minn ghonqu u tah daqqa ta’ ponn u gidimlu s-swaba ta’ idejh….Illi l-esponent wara li qies dak li qal ilkonvenut dwar dan l-incident, ma jarax ghaliex m’ghandux jaccetta l-versjoni ta’ l-attrici kif korroborata minn binha Francois, illum maggorenni. Jista’ jizdied li l-Pulizija, fuq l-incident tat-2 ta’ Frar, 1994, kienet giebet lill-konvenut quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) u kif jidher mis-sentenza ezibita (Dok. ABC 1)3 huwa kien gie akkuzat (1) talli verbalment hedded lil martu, (2) ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna taghha u tat-tifel Francois, (3) kiser il-bon-ordni u l-kwiet tal-pubbliku bl-ghajjat u bil-glied u (4) ta qtajja u bezza’ lil martu b’mod li seta’ jaghmlilha hsara. Jidher ukoll mill-istess sentenza li l-konvenut kien obbliga ruhhu li sakemm jigu konkluzi l-proceduri civili jew issir rikonciljazzjoni jirrisjedi f’postijiet ohra izda mhux fil-fond 222, Two Gates Street, Senglea fejn kienet toqghod l-attrici. Jirrisulta wkoll mill-istess sentenza li stante rinunzja ta’ l-attrici il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel u r-raba’ imputazzjoni izda sabitu hati tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni u lliberatu taht l-Artikolu 9 tal-Kap. 152 izda obbligatu li ma jikkommettix reat iehor ghal periodu ta’ sena u li ma jimmolestax lill-attrici u l-membri tal-familja taghha taht piena ta’ mitt lira Maltin ghal periodu ta’ sena. Jista’ jizdied ukoll li l-attrici qalet li kienet hafritlu biex ma jitlef l-impieg tieghu. Mela skond l-istess sentenza l-konvenut gie misjub hati talli ghamel feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ l-attrici, liema sentenza tkompli tiggustifika it-tieni raguni ghas-separazzjoni avanzata bic-citazzjoni mill-attrici”.

Din il-Qorti zzid ukoll li mill-imsemmi affidavit ta’ Francois B jirrisulta li l-konvenut, meta kien jigi biex “jikkoregi” lit-tfal ghal xi haga hazina li jkunu ghamlu, kien johrog barra mill-limiti ta’ dak li hu accettabbli. Sinjifikanti huwa s-segwenti bran minn dan l-affidavit:

“Darba ohra kont iffirmajt karta ta’ l-iskola minflok missieri, u dan ghaliex kont nibza’ minnu. Meta induna missieri tani xeba kbira bil-ponn. Habbatli rasi mal-hajt u kaxkarni mal-art. Dan meta kelli biss xi ghaxar snin.Lil hija z-zghir ma kienx isawwtu bl-istess mod. Lili kien isawwatni qisu qed isawwat ragel u dan anke meta kont biss tifel zghir.”

Ghalhekk, tenut kont tal-provi kollha, din il-Qorti hi tal-fehma li l-attrici irnexxilha tipprova il-kaz taghha ghas-separazzjoni personali minn ma' zewgha. Mill-banda l-ohra, kif diga inghad, il-konvenut ma irnexxilux jipprova li l-attrici ghamlet xi haga li jista' jwassal ghas-separazzjoni. Fi kliem il-perit legali:

"Illi l-esponent, wara li ezamina l-provi kollha ma jarax li jista' jikkonkludi li gie ppruvat mill-konvenut (l-oneru tal-prova huwa mixhut fuqu) li l-attrici kkommettiet xi adulterju….Illi biex isostni l-kontrotalba tieghu ghas-separazzjoni minhabba eccessi, mohqrija, theddid jew ingurji gravi, il-konvenut semma l-incidenti li kien ikollu mal-familjari ta' l-attrici, il-fatt li martu kellha flus mohbija u anke li ma kienitx toqghod ghal dak li kien jghidilha. L-esponent, pero`, wara li ezamina l-provi f'dan ir-rigward ma jhossx li kien hemm xi indhil da parti tal-familja ta' l-attrici jew [li] kien hemm xi nuqqasijiet serji da parti ta' l-attrici, li minhabba fihom huwa jista' jikkonkludi li l-konvenut ipprova li kien hemm xi eccessi, sevizzji, mohqrija, theddid jew ingurji gravi li trid il-ligi fl-Artikolu 40 tal-Kodici Civili. L-indhil tal-genituri jidher li sar b'intenzjoni tajba u biex jghinu; sa anke hallew lill-kontendenti jghixu bla kera fid-dar propjeta` ta' omm l-attrici; l-attrici marret tahdem ghax zewgha meta ma kellux xoghol, hija nefqet hafna mill-flus li kellha jew li wirtet ghal bzonnijiet tal-familja u tad-dar. Illi, kif inghad fuq, il-konvenut qieghed jippretendi li ghandu dritt jitlob is-separazzjoni personali minhabba li l-hajja flimkien m'ghadhiex aktar possibbli ghax iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment. L-esponent jaqbel li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment izda fid-dawl tal-provi li nstemghu u li ghalihom saret referenza hawn fuq, l-esponent huwa tal-umli fehma li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment mhux ghal ragunijiet imputabbbli lill-attrici izda ghal ragunijiet imputabbli lill-istess konvenut li avanza biss xi suspetti kontra l-attrici li pero` ma jidhirx li gew sostnuti bil-provi. L-esponent ma jarax li huwa l-kaz li jerga' jsemmi dawn ir-ragunijiet."

Kif inghad, din il-Qorti taqbel perfettament ma' dawn l-osservazzjonijiet tal-perit legali.

Kwantu ghad-dar matrimonjali, din, kif diga inghad en passant hawn fuq, kienet id-dar li tinsab fin-numru 222, Two Gates Street, Senglea. Din hi propjeta' ta' omm l-attrici, u l-kontendenti kienu jghixu fiha minghajr qatt ma hallsu kera. Il-konvenut hareg minn din id-dar minn rajh u mar joqghod mal-genituri tieghu. L-attrici baqghet tghix f'din id-dar taz-zwieg ma uliedha, u din il-Qorti, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, ma tara ebda raguni ghala ghandha b'xi mod tvarja dan l-istat ta' fatt.

Kwantu ghat-tifel iz-zghir – Kirsten – dan ghandu jibqa' fil-kura u l-kustodja ta' ommu; u tenut kont ta' l-eta` tieghu illum il-Qorti jidhrilha li m'ghandhiex tipprovdi ghal granet jew hinijiet ta' access, izda li l-konvenut ghandu jkollu access liberu ghalih. Dan, naturalment, ikun jiddependi f'mizura konsiderevoli fuq il-ko-operazzjoni ta' l-istess tifel.

Bid-digriet taghha tad-19 ta' Gunju, 1995 (fol.176) din il-Qorti kienet iffissat il-manteniment pendente lite li l-konvenut kellu jhallas lill-attrici fis-somma ta' hamsin lira (Lm50) fix-xahar ghaliha u erbghin lira (Lm40) fix-xahar ghall-minuri Kirsten. Dan wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni ic-cirkostanzi kollha, inkluz id-dhul tal-konvenut mill-impjieg tieghu mal-

Gvern (Dipartiment tat-Taxxi Interni), il-fatt li l-attrici kellha fejn toqghod minghajr ma kienet qed thallas kera, kif ukoll il-fatt li l-attrici hi ta' eta` li tista' tahdem bi qliegh. Minbarra xi aggustamenti dovuti ghall-gholi tal-hajja u ghaz-zieda fis-salarji ta' impjegati mal-Gvern, din il-Qorti ma tarax li ghandha tvarja sostanzjalment dawn l-alimenti.

Kwantu ghall-komunjoni ta' l-akkwisti, jirrisulta mit-tieni relazzjoni tal-perit legali li din tikkonsisti fis-segwenti:

- omissis -

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tiddeciedi l-kawza bil-mod segwenti u cioe` billi (a) tichad il-kontro-talbiet kollha tal-konvenut; u (b) (1) tilqa' l-ewwel talba attrici u konsegwentement tippronunzja l-firda personali bejn il-kontendenti ghall-finijiet u effetti kollha ta' l-Artikolu 35(1) tal-Kodici Civili u dana minhabba adulterju tal-konvenut kif ukoll minhabba eccessi, theddid u offizi gravi tal-konvenut versu l-attrici martu u versu binhom il-kbir; (2) tilqa' t-tieni talba attrici u konsegwentement tordna li l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti tispicca mill-jum li fih din is-sentenza tkun finali u konkluziva; (3) tipprovdi dwar it-tielet u r-raba' talbiet attrici billi tordna, a tenur ta' l-Artikolu 55(2) tal-Kodici Civili u ghar-ragunijiet aktar 'l fuq imsemmija, li l-beni formanti parti mill-imsemmija komunjoni ta' l-akkwisti ma jinqasmux qabel ma jghaddu hames snin minn meta tispicca l-istess komunjoni; (4) tipprovdi dwar il-hames talba attrici billi tordna li l-oggetti li gejjin jigu ritornati minnufih lill-attrici f'kaz li dawn jinsabu ghand il-konvenut: il-washing machine, cooker u fridge li missier l-attrici kien taha bhala dota; il-kamra tas-sodda "Queen Anne"; is-salott li nxtara minn ghand Renaldo Zahra & Sons fil-31 ta' Dicembru, 1975; is-salott li nxtara minn ghand Home Décor Ltd.; il-grandfather clock, "sottospecchio" u par siggijiet, zewg linfi, zewg lampi u "chandelier"; l-ewwel kcina fil-kaz li ghadha tezisti; u l-fridge u l-cooker mixtrija f'Dicembru 1974; il-Qorti tordna wkoll li l-oggetti li gejjin u li jappartjenu esklussivament lill-konvenut, jigu ritornati minnufih lill-istess konvenut f'kaz li dawn jinsabu ghand l-attrici: il-hwejjeg (jigifieri oggetti ta' lbies) tal-konvenut; typewriter; kamera tar-ritratti "Exacta" bil-kaxxa b'kollox u tripod; zewg kitarri (wahda electric u ohra Spanish); flawt; l-ghodda kollha; id-dokumenti ta' kull tip, kotba u certifikati; video u cassettes; ritratti; tombla tar-ram (pedini) minn-numru 1 sa 90; mudell ta' bastiment; midalji u trophies; radio/clock/alarm; flixkun Liquire bil-Ballerina fih; album tar-ritratti u Film super 8mm taz-zwieg; (5) tilqa' s-sitt talba attrici u konsegwentement tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Kirsten f'idejn lattrici, b'dan li l-konvenut ikollu access liberu ghall-istess minuri; (6) tilqa' s-seba' talba attrici u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghaliha s-somma ta' hamsa w sittin (Lm65) lira fix-xahar, li ghandhom jitilghu ghal sebghin lira (Lm70) fix-xahar wara li t-tifel Kirsten jaghlaq it-tmintax-il sena; u tikkundannah ukoll ihallasha, bhala manteniment ghall-minuri Kirsten, is-somma ta' erbghin lira (Lm40) fix-xahar; dawn l-ammonti ikunu pagabbli kull xahar bil-quddiem fir-residenza ta' l-attrici; (7) tilqa' t-tmien talba attrici u konsegwentement tordna li fid-dar taz-zwieg, jigifieri 222, Two Gates Street, Senglea, tibqa' tghix biss l-attrici u uliedha, u ghalhekk ad eskluzjoni tal-konvenut; (8) tilqa' id-disa' talba attrici u konsegwentement tiddikjara li l-konvenut tilef (i) il-jeddijiet imsemmijin fl-Artikoli 631, 633, 633A, 825, 826 u 827 tal-

Kodici Civili, (ii) dak kollu li kiseb mill-attrici b'donazzjoni bi hsieb ta' zwieg, jew waqt iz-zwieg, jew taht titolu iehor gratuwitu, (iii) kull jedd ghan-nofs ta' l-akkwisti illi saru l-aktar bil-hidma ta' l-attrici wara is-17 ta' Novembru, 1993, li ghandha titqies bhala d-data li minnha l-istess konvenut sar hati tal-firda, u (iv) il-jedd li jgieghel lill-attrici, f'kull kaz, li taghtih il-manteniment bis-sahha ta' l-obbligu li jitnissel miz-zwieg.

L-ispejjez kollha ta' din il-kawza, inkluzi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond' Awla, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut."

Ikkunsidrat;

**L-Ewwel Eccezzjoni tal-Konvenuta**.

Fl-ewwel eccezzjoni taghha l-konvenuta qed tilqa' ghall-ewwel talba attrici billi s-sostni li tali talba hija insostenibbli in kwantu gia' kien hemm pronunzjament gudizzjarju li ddikjara s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet. Fi kliem iehor il-konvenuta qed teccepixxi *r-res judicata* u tikkontendi li l-Qorti hi prekluza milli ghat-tieni darba tippronunzja s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet una volta gia kien hemm tali pronunzjament permezz tas-sentenza citata tat-2 ta' Mejju 2000.

**Gurisprudenza**.

Hija gurisprudenza kostanti illi biex tissussisti l-eccezzjoni tar-*res judicata* irid jirrizulta "eadem res", "eadem causa petendi" u "eadem personae" (**Registratur tal-Qrati Superjuri vs M of Time Limited** – PA – 17/02/2000). Il-gurisprudenza hija wkoll konkordi li l-gudikat jifforma ruhhu mhux biss ghar-rigward ta' dak li jkun gie diskuss espressament, imma anki dak li messu gie diskuss mill-parti li kellha tiddiskutih biex issostni d-domanda jew l-eccezzjoni taghha (**Cole Foods Limited vs Accent Clear Traders Company Limited** - PA - 04/06/1999). Dan l-insenjament imur lura sew fil-gurisprudenza nostrana: "hu pacifiku li l-gudikat jassorbixxi kull eccezzjoni li, in meritu ghall-azzjoni, kien missha, jew setghat giet sollevata in relazzjoni ghall-azzjoni stess' (**Antonio Dagri vs Emanuel Dingli** – Appell - 27/04/1955). Gie affermat fil-kawza **Joseph Vella vs Emanuel Falzon** (Appell – 25/02/1997) illi l-*exceptio rei judicatae* ghandha bhala fondament il-fatti tal-interess pubbliku u wkoll ghax *interest rei publicae ut sit finis litium* u dan ghaliex il-mertu tal-kawza ghalkemm distint minn dak ta' qabel jifforma parti mill-istess haga, u jekk il-punt kontrovers huwa l-istess hemm lok ghall-eccezzjoni tal-gudikat, u dan ghaliex is-sentenza fuq domanda tikkontjeni implicitament ir-rigettazzjoni tal-eccezzjonijiet kollha li setghu jitqajmu ghall-istess domanda."

Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern jirrizulta li fil-kawza numru 962/94 deciza fit-2 ta' Mejju 2000 il-konvenut rikonvenzjonant, l-attur odjern, kien ressaq diversi kawzali biex

isostni t-talba rikonvenzjonali tieghu li z-zwieg ta' bejn il-partijiet kien tkisser tort ta' martu fosthom: "Illi f'dawn l-ahhar snin ir-relazzjonijiet konjugali bejn il-kontendenti konjugi iddeterjoraw sostanzjalment, u dana minhabba ragunijiet legalment validi, fosthom l-adulterju da parti tal-attrici, minacci, eccessi, theddid, swat, inkompatibilita' ta' karattru w ragunijiet ohra legalment fondati li jaghtu lok ghal proceduri ta' separazzjoni personali………"[1]

Huwa ghalhekk kien talab f'dik il-kawza li l-Qorti tiddikjara:

"1. Illi z-zwieg bejn il-kontendenti konjugi B tkisser irrimedjabilment kagun tar-ragunijiet legalment fondati tort unikament tal-attrici………….. 2. Illi z-zwieg bejn il-kontendenti konjugi B tkisser u sehhet il-firda bejniethom minhabba eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi da parti tal-attrici kontra l-konvenut…………………"

Fl-istess kawza AB kien ressaq diversi eccezzjonijiet fosthom:

"Illi l-konvenut ma ghandu legalment l-ebda obbligu li jmantni lill-attrici fid-dawl tal-emendi ghall-Kodici Civili b'effett mill-ewwel ta' Dicembru tal-elf disa' mija u tlieta u disghin u dana billi l-attrici ghandha l-kapacita' u l-hin, arti u sengha li tista' ssib impieg u b'hekk ikollha x-xoghol u ma jkunx hemm htiega li l-konvenut li minbarra li gie mcahhad bl-aktar mod abbusiv mid-dar taz-zwieg, mill-istess uliedu, ikollu l-piz f'ambjent li fizikament u psikologiku qed ikissru li jrid jahdem ukoll biex imantni lil min qieghed ikissru………..“[2]

Fil-kawza odjerna l-attur qed jerga jitlob lill-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet essenzjalment ghall-istess ragunijiet imressqa minnu sew fl-eccezzjonijiet kif ukoll fil-kontro-talba fil-kawza deciza fit-2 ta' Mejju 2000. Il-principji regolanti r-*res judicata* jipprojbixxu tali azzjoni.

Fil-fatt fil-hames premessa tieghu l-attur jghid hekk:

"Illi prezentement l-attur jivversa lil martu manteniment fis-somma ta' mija u tlieta u sitt euro u sitt centezmi (163.06 Euro) fix-xahar u dan in forza ta' sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili tat-2 ta' Mejju 2000". Imkien fil-premessi ma jghid l-attur li l-partijiet huma separati b'sentenza ta' Qorti. Donnu s-sentenza tat-2 ta' Mejju 2000 ordnat biss il-hlas tal-manteniment. Dan huwa wkoll rifless b'mod partikolari fl-ewwel talba attrici fejn l-attur qed jitlob *inter alia* li l-Qorti "tawtorizza lill-attur ighix separatament mill-konvenuta."

Il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza precedenti ta' bejn il-partijiet kienet trattat l-allegazzjoni ta' AB li hija kienet ikkommettiet adulterju u waslet ghall-konkluzzjoni illi tali allegazzjoni ma gietx ippruvata. L-allegazzjonijiet l-ohra kollha maghmula minn AB kontra martu kienu wkoll gew trattati u michuda tant li Antony B gie misjub responsabbli wahdu ghat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet. Antony B huwa ghalhekk prekluz milli jadixxi l-Qorti fuq

[1] Pagna 7 tas-sentenza
[2] Pagna 3 tas-sentenza

l-istess kawzali jew fuq kawzali li fiz-zmien ta' dik il-kawza setghu jitressqu ghall-konsiderazzjoni tal-Qorti.

Fi kliem iehor, is-sentenza tat-2 ta' Mejju 2000, li ma gietx appellata, ghalqet darba ghal dejjem is-siparju dwar min kien responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejn il-partijiet. Ladarba il-Prim' Awla tal-Qorti Civili iddecidiet erbatax-il sena ilu li z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser unikament tort ta' AB mhux proceduralment permissibbli li l-Qorti terga titratta mill-gdid min kien responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg. Fil-fehma tal-Qorti zwieg darba jitkisser, sakemm ma jkunx hemm rikonciljazzjoni wara, li ma hux il-kaz bejn il-partijiet fil-kawza odjerna.

Ladarba fis-sena 2000 l-Qorti ippronunzjat is-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet b'sentenza li ghaddiet in gudikat u tefhat it-tort kollu fuq l-attur odjern, m'hemmx separazzjoni personali x'tigi dikjarata llum erbatax-il sena wara ghaliex dik is-separazzjoni personali gia' giet pronunzjata mill-Qorti

Ghal dawn ir-ragunijiet l-eccezzjoni tar-*res judicata* timmerita li tigi akkolta fir-rigward tal-ewwel u t-tieni talba attrici.

**Tieni Eccezzjoni**.

Permezz tat-tielet talba tieghu l-attur qed jitlob lill-Qorti tiddikjara li "l-konvenuta ddekadiet mid-dritt taghha illi titlob manteniment minghand zewgha." Ghalkemm mhux imressqa f'termini daqstant cari, il-Qorti qed tifhem li dak li l-attur qed jitlob huwa li ghalkemm bis-sentenza tas-sena 2000 huwa gie kkundannat ihallas manteniment lill-martu, fil-frattemp din ta' l-ahhar ikkommettiet adulterju u ghalhekk tilfet id-dritt li tkompli tippercepixxi l-manteniment gudizzjarment ordnat.

Permezz tat-tieni eccezzoni taghha l-konvenuta cahdet dak allegat mill-attur fil-konfront taghha.

In tema legali ghandu jinghad illi una volta gie stabbilit gudizzjarment bis-sentenza tat-2 ta' Mejju 2000 illi ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejn il-partijiet kien jahti unikament l-attur, l-indagini u t-trattazzjoni li jehtieg li ssir f'dan l-istadju hi (1) jekk wara l-ghoti tas-sentenza de quo kienx baqa' l-obbligu fuq il-partijiet tal-fedelta'; (2) jekk gietx sodisfacentement ippruvata l-allegazzjoni tal-attur li mill-ghoti tas-sentenza fis-sena 2000 sallum il-konvenuta kellha relazzjonijiet intimi ma' terzi u b'hekk ikkommettiet adulterju; u f'kaz affermattiv (3) jekk minhabba tali cirkostanza tilfitx id-dritt lilha moghti permezz tas-sentenza precitata li tircevi manteniment minghand zewgha.

Essenzjalment l-attur jallega, kif fil-fatt kien allega fil-kawza li kienet giet istitwita fis-sena 1994, li martu kellha relazzjoni adultera.

**John Spiteri** tressaq bhala xhud mill-attur[3]. Mistoqsi dwar ir-relazzjoni tieghu mal-konvenuta huwa jghid li kien jaf sew il-familja taghha u kien imur il-*workshop* ta' missier il-konvenuta izda mhux id-dar taghha. Mistoqsi jekk kienx qatt ikun wahdu fil-kumpanija tal-konvenuta l-ewwel jghid li ma jafx jekk kienux ikunu wahedhom u aktar tard jghid li qatt ma kien fil-kumpanija taghha wahdu u li hu u hi qatt ma hargu wahedhom flimkien.

**Elizabeth Galea**, gara tal-konvenuta, prodotta wkoll mill-attur, xhedet illi ghalkemm hi u l-konvenuta huma hbieb qatt ma ratha ma' xi ragel jew tkellem ragel, "Jew immur nixtri u naraha tahsel barra jew mill-bieb tkun sejra ghand ommha."[4]

**John B**, hu l-attur, prodott mill-attur, xhed[5] li fis-sena 2001 huwa kien mar ma' l-attur il-monti ta' Marsaxlokk u hemm lemhu lill-John Spiteri li kif rahom telaq minn hdejn il-konvenuta biex ikellimhom peress li kien jaf lill-attur u ma regax mar hdejn il-konvenuta. Jghid li xi ftit gimghat wara hu u l-attur regghu kienu s-suq ta' Marsaxlokk u lemah lill-konvenuta id f'id ma' John Spiteri. Jghid li meta rawhom John Spiteri nizzel idu minn fuq spallejn il-konvenuta. Jghid li madwar hames snin qabel kien qed jixhed kien ra lill-konvenuta ma' ragel ismar u twil li skond ma qallu huh huwa certu Manwel Vella. Huwa jghid li rahom mexjin lambranzetta Xhed illi mal-konvenuta u dan Vella kien hemm ukoll persuna ohra ta' eta' avvanzata.

**Dorothy Grima,** prodotta mill-attur, xhedet li kienet gara tal-konvenuta bejn is-snin 1974 u 1984 meta hija zzewget u telqet tghix band'ohra. Tghid li lill-konvenuta qatt ma ratha f'relazzjoni barra zewgha. "Wara li sseparaw jien ma nafx ma min kienet tkun il-konvenuta."[6]

L-attur ressaq jixhed lil **Oscar Gaffarena**[7] li jabita tlett bibien boghod mill-konvenuta. Jghid li l-konvenuta ilha tghix vicin id-dar tieghu ghal madwar hamsin sena. Spjega li hu ma jsuqx u ghalhekk ikun hemm okkazzjonijiet fejn certu Leli jghaddi kemm ghalih kif ukoll ghall-konvenuta, li wkoll ma ssuqx, sabiex jinzlu s-suq ta' Marsaxlokk.
[8]

**Emanuel Zerafa,** prodott mill-attur, xhed illi xi tlett snin qabel kien qed jixhed kien applika sabiex jibda jattendi lezzjonijiet taz-zfin fi skola tal-Gvern. Jghid li mar biex jitghallem iz-zfin 'ballroom' fejn tattendi wkoll il-konvenuta. Jghid li ghalkemm ghadhom jizfnu flimkien sallum huwa qatt ma dahal fid-dar tal-konvenuta u lanqas hi qatt stednitu. Xhed illi jmorru jizfnu darba fil-gimgha nhar ta' Sibt. Jghid li barra z-zfin m'ghandhomx relazzjoni bejniethom. Jghid li gieli jghaddi ghal konvenuta u ghal gar taghha l-anzjan Oscar Gaffarena sabiex imorru s-suq ta' Marsaxlokk nhar ta' Hadd filghodu. Cahad li jkun il-monti ta'

[3] Fol. 24
[4] Fol. 40
[5] Fol. 45
[6] Fol. 57
[7] Fol. 59
[8] Fol. 69

Marsaxlokk id f'id jew lambranzetta mal-konvenuta. Xhed ukoll illi kien hemm xi okkazzjonijiet tal-familja bhal tigijiet u stieden lill-konvenuta takkumpanjah.
**C Bartolo**, l-konvenuta, xhedet[9] illi hi u Emanuel Zerafa huma hbieb u gieli johorgu ma' koppja hbieb taghhom. Tghid li meta izzewweg it-tifel tal-partijiet hija marret it-tieg flimkien mal-genituri taghha. Xhedet illi Manuel Zerafa kien mistieden ghaliex missier il-mara ta' binha jahdem xi xoghol lil Manuel Zerafa. Fl-affidavit taghha xhedet illi l-attur kien waqaf jaghtiha manteniment u hi kienet qed tistenna l-ezitu ta' din il-kawza. Tghid hekk:

"Issa beda kawza kontra tieghi ghax qieghed jallega li jiena ghandi xi relazzjoni ma' terza persuna. Dana jiena nichdu li ghandi relazzjoni ma' terza persuna. Jiena nghid pero' li wara li farrakli hajti kelli nerga nibni hajti mill-gdid u ippruvajt nsib xi hbieb halli nerga' nibda nissocjalizza u nerga' nintergra ruhi fis-socjeta' wara li kien qatani minn kullhadd."[10] Fis-seduta tat-8 ta' Frar 2012 il-konvenuta xhedet quddiem din il-Qorti diversament preseduta. Il-Qorti staqsieta dwar l-allegazzjoni tal-attur li kellha relazzjonijiet l-ewwel ma' John Spiteri imbaghad ma' Manuel Zerafa. Hija cahdet dan. Tghid li qatt ma kellha tali relazzjoni u d-dar qatt ma dahlet irgiel. Fuq domanda tal-Qorti l-konvenuta xhedet li waqt il-lezzjonijiet taz-zfin gieli tizfen ma' Emanuel Zerafa u gieli ma' haddiehor.

Hija cahdet li kienet tohrog ma' John Spiteri bhala namrati. Tghid li kellha zewgt itfal id-dar x'tiehu hsieb. Mistoqsija ripetutament jekk qadx raqdet imqarr lejl wiehed ghand John Spiteri hija cahdet li dan qatt ghamlitu.

**Vincent Bonnici**, prodott mill-attur, xhed illi huwa stieden lil Manuel Zerafa ghat-tieg ta' bintu u iben il-konvenuta peress li jafu ghaliex jaghmillu xi xoghol ta' tibjid. Jghid li lill-konvenuta u lil dan Manuel Zerafa stedinihom separatament b'invit ghalihom "with guest".

Ikkunsidrat;

In tema legali, ghandu jinghad illi l-obbligu ta' ragel mizzewweg li jhallas manteniment lill-martu b'ordni tal-Qorti permezz ta' sentenza ta' separazzjoni personali ghandu jieqaf jekk jirrizulta illi l-mara mizzewga u separata ghandha relazzjoni intima ma' pesuna ohra. Kif gie ritenut fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Joseph Camilleri vs Marlene Camilleri** (03/02/2012), l-obbligu tal-fedelta' wara s-separazzjoni jibqa' jorbot liz-zewg partijiet u d-decidiet li l-mara kienet ddekadiet milli tircevi manteniment minghand zewgha peress li rrizulta li kellha relazzjoni adultera ma' ragel iehor wara l-pubblikazzjoni tal-kuntratt tas-separazzjoni u minkejja li ma kienitx tikkoabita mal-persuna li mieghu kellha relazzjoni stabbli.

F'decizzjoni ohra moghtija mill-Qorti tal-Appell inghad hekk:

[9] Fol. 78
[10] Fol. 92

"L-Att XXI tal-1993 ma biddilx l-obbligu tal-mizzewgin ghall-fedelta' u l-artikolu 35 (1) tal-Kap 16 jittermina l-obbligu tal-koabitazzjoni f'kaz ta' separazzjoni gudizzjarja u bonarja izda mhux l-obbligu tal-fedelta' li huwa permanenti u irrevokabbli….." (Appell - **Carmelo sive Charles Farrugia vs Josephine Farrugia** - 06/02/1992).

Naturalment il-gurisprudenza appena citata pronunzjata qabel l-introduzzjoni tad-divorzju fil-ligijiet ta' pajjizna jehtieg li tigi riezaminata pero' tali ezercizzju mhux mehtieg fil-kawza odjerna.

Stabbilit illi wara s-sentenza tas-separazzjoni ta' bejn il-partijiet baqa' jissussisti fuq iz-zewg partijiet l-obbligu tal-fedelta', jehtieg jigu ezaminati l-provi imressqa dwar l-allegazzjoni tal-attur li minn wara s-sentenza tat-2 ta' Mejju 2000 hija ikkommettiet adulterju.

Ikkunsidrat;

In tema legali huwa appena necessarju jinghad illi l-principju regolanti l-piz tal-prova huwa li min jallega ghandu l-oneru li jipprova dak minnu allegat. Fin-nuqqas l-azzjoni tieghu ma tistax tirnexxi.

Huwa risaput u anke rikonoxxut mill-gurisprudenza nostrana illi l-prova ta' l-adulterju, specjalment jekk kommess bil-habi, mhiex facli li ssir. Diversi sentenzi jsostnu illi ghall-prova tal-adulterju mhux mehtieg xhieda okulari u huwa bizzejjed li jkun hemm preponderanza ta' indizji li jnisslu fil-gudikant dak il-konvinciment morali necessarju li l-fatt allegat sehh.

Il-Qorti ezaminat sew ix-xhieda kollha imressqa mill-attur u waslet ghall-konkluzzjoni illi l-maggorparti tat-testimonjanzi moghtija minn diversi xhieda imressqa mill-istess attur proprju jikkontrastaw mal-allegazzjoni tieghu li l-konvenuta ikkommettiet adulterju wara t-2 ta' Mejju 2000.

Apparti c-cahda kategorika tal-konvenuta moghtija f'seduta quddiem din il-Qorti diversament preseduta li baqghat mhux skussata nonostante kontro-ezami pjuttost dettaljat, hemm ukoll ic-cahda sew tax-xhud John Spiteri kif ukoll tax-xhud Emanuel Zerafa, li t-tnejn cahdu li kellhom relazzjoni intima mal-konvenuta.
It-testimonjanzi kollha imressqa, inkluz dawk tal-attur u huh, ma joholqux preponderanza ta' indizzji necessarja sabiex inisslu fil-gudikant dak il-konvinciment morali necessarju biex jigi dikjarat li l-konvenuta ikkommettiet adulterju.

Bejn it-2 ta' Mejju 2000, meta inghatat is-sentenza tas-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet, u l-11 ta' Marzu 2010, meta giet istitwita l-kawza odjerna, l-attur kellu ghaxar snin shah li fihom seta' jaghmel indagini aktar approfondita dwar l-allegazzjoni tieghu li l-konvenuta qed tikkommetti adulterju. Minn dan m'ghamel xejn u principalment strah fuq il-fatt li hu u huh raw lill-konvenuta fil-monti ta' Marsaxlokk fil-kumpanija ta' ragel iehor u fuq il-fatt li tattendi lezzjonijiet taz-zfin.

Ghaldaqstant il-Qorti tiddikjara li l-attur ma rnexxielux jipprova li minn wara s-sentenza tat-2 ta’ Mejju 2000 il-konvenuta ikkommettiet adulterju u ghalhekk it-tieni eccezzjoni tal-konvenuta timmerita li tigi akkolta.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi, tilqa’ l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-konvenuta u tichad it-talbiet attrici.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**Imhallef**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------